# Is-Sempreviva t'Għawdex

Dan l-aħħar id-Dwejra t' Għawdex kienet f'ħafna aħbarijiiet. Imma dalwaqt se nitilfu ġawhra. Din insejħulha s-Sempreviva t'Għawdex. Is-Sempreviva hija pjanta sabiħa. B'din il-pjanta ilu l-bnedmin kienu jużawhom biex ifiequ. Is-Sempreviva hija zokk abjad b'fjuri sofor. Dawn jiffurmaw qisu bukket żgħir. Dawn tista ssibhom biss id-Dwejra u fuq il-Ġebla tal-Ġeneral.




Is-SempreViva t' Għawdex (ritratt ta' fuq)

Din il-pjanta tgħix f'Għawdex biss. Is-Sempreviva jgħidulha hekk għax din dejjem ħajja. Il-kelma Sempreviva ġejja mit-Taljan. Il-fjuri tas-Sempreviva joħorġu bejn Marzu u Ġunju. Din il-pjanta ma tistax taqtagħha jew tkissirha għax inkella teħel multa.

Malcolm Sacco
Gozo College: Gharb Primary School
9 years



Teħel multa (ritratt ta' fuq)

Jekk trid iġġibha ma tistax anke jekk mhix bil-ligi din il-pjanta għax ma tistax titla fuq il-Ġebla tal-Ġeneral għax teħel multa ukoll jiġifieri kieku bla liġi mid-Dwejra biss tista ġġibha din il-pjanta imma ma tistax.



Il-Ġebla tal-Ġeneral (ritratt ta' fuq)

Malcolm Sacco
Gozo College: Gharb Primary School
9 years

Din il-pjanta bl-Ingliż jgħidulha *Maltese heliechrysium*. Din il-pjanta ilha tgħix minn ħafna żmien. Jekk tmur Malta biex tfittixha ma ssibha qatt.



Il-Bandiera Maltija (ritratt ta' fuq)

Ibżgħu għal din il-pjanta ħalli ma nkerrhux l-ambjent tagħna għax xi affarjiet jistgħu jkissruha din il-pjanta. L-ewwel huwa l-bniedem stess. Il-bniedem jista jgħaffiġġha jew jaqgħtaha, l-istess bħar-riħ. Ir-riħ jista' iqaċċat il-pjanti, bħall-insetti jistgħu jaqbduha u jiekluha jew xi mewġ tal-baħar għax tkun ħafna qrib il-baħar. Is-Swaba tal-Madonna qed toqtolha billi tifforma tapit b'konsegwenza li dawn imutu. Din il-pjanta tas-Swaba tal-Madonna ġejja mill-Afrika t'isfel.

Malcolm Sacco
Gozo College: Gharb Primary School
9 years



Il-pjanta tas-Swaba’ tal-Madonna (ritratt ta’ fuq)

Bi pjaċir ngħidu li fi Frar ta’ din is-sena bi proġett approvat mill-Awtorita’ tal-Ambjent u Riżorsi, il-pjanta tas-Swaba’ tal-Madonna inqalgħet ħalli s-Sempreviva terġa tibda tikber. Taf għaliex qgħedt ngħidilkom hekk? Għax din il-pjanta hija rari ħafna u endemika. Issa jmiss li int u jien, insalvaw din il-pjanta billi ma nagħfġux jew naqtgħu s-Sempreviva t’Għawdex.

Malcolm Sacco
Gozo College: Gharb Primary School
9 years